NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

JANNAR-APRIL 2023

NRU 208

## "NADURAWK, O ĠESÙ, U NBERKUK..."



Fis-sena tal-175 anniversarju tal-istatwa tas-Santissmu Kurċifiss, ix-xbieha għażiża tal-Vara l-Kbira fil-bidu tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira 2023.
ritratt: Sebio Aquilina


Arkadia
Foodstore Gozo
MONDAY - SATURDAY
7AM - 7PM
SUNDAY
8AM - 7PM
SUMMER HOURS
OPEN TILL 8PM
QUALITY, CHOICE AND VALUE


cafè Diaz
Dias café
St. George's Square
Victoria, Gozo


SKIPPY
WOODWORKS
Joseph Camilleri
mob: (+356) 9940 7147
email: skippywoodworks@gmail.com


de' Reday
GOZO HOMES
Property For Sale &
Long Let in Gozo
50, Republic Street, Victoria | 21564323 | info@dereday.com
www.dereday.com
PROPERTY - ACCOMMODATION - TRAVEL - INSURANCE


Opening Hours:
Monday-Friday: 5:00pm-7:00pm
Saturday: 9:00am-12:00pm
La
Bottega di Melchiorre


APAP
LIFTS INSTALLATION AND SERVICES
99803272 - 79557300


GOZO
COTTAGE
®
GENUINE PRODUCE OF GOZO

EDITORJAL

# BI PRODOTT AKTAR ATTRAENTI

Żgur li qed tintebħu li minn din il-ħarġa l-pubblikazzjoni tagħna *Il-Belt Victoria*, li ilha toħroġ mill-1981, qiegħda tiġi stampata għall-ewwel darba kollha bil-kulur fuq bażi regolari. Fiż-żminijiet tal-lum, aktar minn qatt qabel, l-għajta nofs il-bejgħ! Allura ħsibna li noffru prodott aktar attraenti lilkom il-qarrejja tagħna.

Sa mill-bidu ta' din il-pubblikazzjoni, dejjem kellha l-għan li twassal il-leħen tal-Parroċċa skont ix-xejra taż-żminijiet. Ħassejna li wasal iż-żmien li niddu pass ieħor: dak tal-istampar tal-pubblikazzjoni bil-kulur. Sintendi, dan kien ifisser aktar spejjeż. Għal dan il-għan, ġew avviċinati numru ta' kumpaniji u stabbilimenti biex isostnuna finanzjarjament. U ta' dan aħna grati li ser ikunu qed ikopruha b' mod sostanzjali. Dan xorta ma jnaqqas xejn mill-bżonn tal-kontribuzzjoni u d-donazzjonijiet tagħkom il-qarrejja. B'hekk din ir-rivista ser tkun qed tkompli taqdi l-għan oriġinali tagħha, qalb ħafna 'ilħna' oħra, li twassal dak kollu li jiġri fil-Parroċċa u tkun leħen Nisrani fost il-parruċċani tagħna.

F'din il-ħarġa qed infakkru l-miġja, 175 sena ilu, tal-istatwa tas-Santissmu Kurċifiss, kapulavur mill-isbaħ ta' Pietru Pawl Azzopardi. Kien ta' dispjaċir li għal darba darbtejn – minħabba temp ħażin – ma sarx il-pellegrinaġġ storiku bil-Kurċifiss lejn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Kien ikun mument tassew sinifikanti li l-istatwa żżur post li hu għatxan għal tant sabar, wens u faraġ spiritwali. Xorta, imma, tant nies żaru l-Kurċifiss li issa ilu għall-qima fil-Bażilika tagħna għal dawn l-aħħar 175 sena. Min jaf kemm sema' karbiet, talb u invokazzjonijiet tul dawn is-snin! Min jaf kemm intasbu quddiemu devoti jfittxu faraġ u serħan minn tant uġigħ u qtigħ il-qalb! U min jaf kemm serraħ il-menti u qala' grazzji tul dawn is-snin kollha! Jalla nibqgħu ngħożżu dawn il-mumenti ta' qrubija.

**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt jew fuq www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/43928**



INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI: Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

REKLAMAR: Frank Schembri - franklbv@gmail.com

FOTOGRAFIJA: Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa

KUNTATT: Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM




L-Arċipriet Joseph Curmi

# IL-PIŻ QADDIS TAL-FAMILJA

Il-ġrajja tal-Inkarnazzjoni hi l-ikbar mument fl-istorja tal-bniedem. Alla għażel li jieħu l-ġisem ta' bniedem biex jikkomunika l-imħabba tiegħu lilna l-bnedmin. Hu għażel li jikber bħala bniedem megħjun minn missier u omm. Meta Alla ħalaq lill-bniedem, fil-fatt, ħalqu fuq is-sura u x-xbieha tiegħu proprju fil-kapaċità li raġel u mara jingħaqdu fl-imħabba u joħolqu ħajja ġdida. Iżda din is-sbuħija mhix nieqsa minn piżijiet.

**Il-Familja Mqaddsa**
Minkejja li ħafna drabi naraw lil Ġużeppi u Marija bħala l-familja mingħajr difett, dan ma jfissirx li kienu mingħajr sfidi. Il-ġrajja tat-Tarbija ta' Betlehem ħarbtet litteralment kull pjan ta' ħajja normali li seta' kellhom. Saħansitra kellhom ibiddlu d-dar, il-pajjiż, jgħixu ta' maħrubin, jaraw lil binhom bħala theddida għall-poter, ma jifhmux lill-istess binhom, u tant ġrajjiet oħra li jistgħu jidhru ta' piż. Iżda Ġużeppi u Marija kellhom viżjoni tal-ħajja mill-għajnejn ta' Alla u tal-fidi.

**Erodijiet**
Fl-istorja ta' Kristu jidħlu fin-nofs żewġ Erodijiet. L-ewwel Erodi joqtol lit-tfal innoċenti. L-ieħor jiżżewweġ il-mara ta' ħuh u flimkien jiffurmaw koppja li flok jgħinu lit-tifla tikber, jinqdew biha u jġegħluha tasal titlob ras Ġwanni l-Battista fuq platt. Prattikament ifarrku lill-istess binthom. Anki żmienna mhux nieqes minn dawn is-sitwazzjonijiet. Anki llum it-tfal jistgħu jiġu meqjusa theddida, piż żejjed li għandu jiġi evitat akkost ta' kollox. Biss biss ir-rata tat-twelid f'pajjiżna turina li xi ħaġa sejra żmerċ. Malta għandha l-inqas rata ta' twelid fl-Ewropa. Il-messaġġ li bħala soċjetà qed ngħaddu lil uliedna hu li huma piż żejjed. Qed ngħidulhom li huma tellfuna l-gost tal-ħajja. Meta aħna l-kbar nidhru għandna ħafna x'nagħmlu, indirettament qed ngħidulhom li għandna ħafna affarijiet iktar importanti minnhom. Barra minn hekk, filwaqt li tant persuni b'mod skandaluż jingħataw benefiċċji u xogħlijiet fantażma u miljuni jintefqu fid-duħħan, omm jew missier li jixtieq ikun l-edukatur prinċipali ta' wliedu mhux megħjun diċentement. Ġenitur li wliedu jsibuh id-dar hu meqjus bħala ħela ta' riżorsi.

**Illum**
Il-ħajja li ngħixu llum kważi kważi tagħmilha impossibbli li wieħed jifforma familja. Kemm kemm wieħed ma jasalx għall-konklużjoni li l-iżvilupp wassal biex il-ħajja li wieħed ikollu jgħix hi inkompatibbli mal-familja. Biex wieħed jifforma familja jrid l-ewwel ikun stabbli finanzjarjament. Iżda din l-istabbiltà diffiċli tintlaħaq qabel il-persuna tkun fil-mezz'età meta l-aħjar żmien ta' saħħa u fertilità jkun kważi wasal fi tmiemu. Biex wieħed jifforma familja jrid l-ewwel jibni relazzjoni soda. Iżda kif jista' wieħed jibni u jżomm relazzjoni meta l-uniku ħin li jibqa' wara x-xogħol ikun biss dak bżonjuż għall-irqad? Kif jista' wieħed jimmaġina li jibda familja mingħajr saqaf fuq rasu? Kif jista' wieħed jiddeċiedi li jkollu t-tfal meta l-edukazzjoni li qed tingħata ddur biss ma' li wieħed jgħix ħajtu liberament mis-sagrifiċċju lejn l-oħrajn? L-idea li tirrenja hi: Gawdi ħajtek mingħajr irbit! X'ħa ġġib tagħmel it-tfal?

**Piż qaddis**
Meta noqogħdu naħsbu ftit... min għamel differenza f'ħajjitna? Lili min għamilni nies? Ir-risposta hi sempliċi: Min ta ħajtu għalija. Kemm għandna ġenituri u nanniet tajbin u ddedikati! Kemm għandna familji li jgħixu bħall-Familja Mqaddsa! Kemm għandna familji li nsew l-egoiżmu u kienu miftuħa għat-tfal huma kif inhuma! Jeħtieġ inxerrdu iktar din is-sbuħija. Il-piż tat-tfal hu wieħed qaddis. Li tagħti l-ħajja u tikkuraha hi l-ogħla forma kif wieħed verament ikun bniedem sħiħ. Jeħtieġ bħala Knisja ngħinu liż-żgħar jaspiraw li jsiru ġenituri qaddisin. Jeħtieġ ngħinuhom jiskopru kemm hu sabiħ li terfa' l-piż ta' wliedek. Jeħtieġ ngħinuhom isibu t-teżor li mhux se jsibuh billi jgħixu bla rbit, iżda jiksbuh meta ħajjithom jagħtuha għal ħaddieħor bil-ferħ.



ritratt: Daniel Cilia

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI




Jannar – April 2023

1. Bħala parti mill-Proġett tal-Opri tal-Ħniena, l-Arċipriet flimkien ma' xi voluntiera żaru l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u djar oħra tal-anzjani. Fl-10 ta' Frar, b'rabta ma' Jum il-Morda, l-Arċipriet iċċelebra quddiesa fir-Residenza Sant'Anna.

2. Fil-11 ta' Frar, Tifkira liturġika tal-ewwel Dehra tal-Madonna ta' Lourdes, l-istatwa ħelwa u devota tagħha nħarġet f'purċissjoni fit-toroq ta' madwar il-Bażilika.

3. Kif kien tħabbar, fl-okkażjoni tal-175 anniversarju tal-istatwa tas-Santissmu Kurċifiss, saret analiżi tal-kundizzjoni tagħha anki permezz ta' scanning professjonali mnejn irriżultat ħtieġa ta' restawr u konservazzjoni, proċess li mbagħad inbeda wara l-Ġimgħa Mqaddsa mir-restawratur Dun Charles Vella.

4. Fi żmien ir-Randan, bħala parti mill-Pjan Pastorali Djoċesan, saċerdoti u lajċi tal-Parroċċa ħarġu fil-bars tal-Belt Victoria jagħmlu evanġelizzazzjoni. L-Isqof innifsu ġie fil-Bażilika fil-21 ta' Frar biex jagħmel din l-istedina lill-komunità waqt Assemblea Parrokkjali.

5. Il-Ħadd 5 ta' Marzu, bħala parti mill-175 anniversarju tal-Kurċifiss, kien ippjanat li din l-istatwa għażiża tittieħed f'Pellegrinaġġ Penitenzjali lejn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn issir quddiesa għall-pazjenti morda quddiem l-Isptar, qabel terġa' lura lejn il-Bażilika. Din kellha titħassar għal darba darbtejn minħabba l-maltemp, imma minflok saru żjarat lill-morda.

6. Bħala parti mill-mixja ta' formazzjoni, il-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof fid-9 ta' Marzu żaru s-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fejn wara żjara lill-Kappella tal-Madonna, kellhom spjega tal-Mużajċi tal-Misteri tat-Tbatija mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar.

7. Fir-Randan kien hemm mumenti aktar prolungati ta' riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla għal diversi gruppi parrokkjali, fosthom il-Grupp tal-Familji u l-Grupp Oikos, li kellhom irtir għalihom fid-Dar tal-Patrijiet Tereżjani f'Tas-Silġ, Marsaxlokk, fil-11 u t-12 ta' Marzu. Hawn mar jiltaqa' magħhom ukoll l-Isqof Anton.


2


1

8. F'April Jum San Ġorġ, li din is-sena ħabat il-Ħadd, ġie ċċelebrat bit-Tridu, il-Velja u l-Pontifikal. Il-mument tal-Velja s-Sibt 22 ta' April filgħaxija kien tassew wieħed sabiħ fejn, minkejja l-ħafna attività kummerċjali fil-Pjazza, il-komunità tat xhieda ta' ġabra u talb fil-preżenza tal-istatwa tal-qaddis Patrun. Il-Ħadd filgħodu, fi tmiem il-Pontifikal, l-istatwa xirfet ukoll għal ftit waqtiet fil-bieb tal-Bażilika fost il-kant tal-Innu Marċ u ċ-ċapċip tal-folla li ħonqot Pjazza San Ġorġ.



5


3


6


4


8


7



# IL-KATTOLIĊI U L-POLITIKA (2)

Joseph W. Psaila

*...jaqbad mill-ħarġa li għaddiet*

**Il-Lajċità Sana**

Sa mill-pontifikat ta' Benedittu XVI ingħata aktar forza fid-diskors politiku dwar Knisja u Stat, il-kunċett tal-"lajċità xierqa" – *"la sana laicità"*,[9] lajċità li tispira fiduċja. Il-Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja (2005, nn. 571-572) ifakkar il-ħtieġa tas-separazzjoni ġusta tal-poteri – diwja tal-istedina tal-Mulej: "Agħti lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla" (Lq 20:25).

Ġwanni Pawlu II jirrifletti: "In-nuqqas ta' konfessjonalità tal-Istat, li huwa nuqqas tal-indħil tas-setgħa ċivili fil-ħajja tal-Knisja u ta' reliġjonijiet diversi, kif ukoll fl-isfera spiritwali, jippermetti lill-komponenti tas-soċjetà jaħdmu flimkien għas-servizz ta' kulħadd u tal-komunità nazzjonali".[10] Għal Benedittu XVI, is-*sana laicità* "tfisser il-ħelsien tar-reliġjon mill-piż tal-politika u tagħni lill-politika bil-kontribuzzjonijiet tar-reliġjon, filwaqt li tinżamm id-distanza meħtieġa, id-distinzjoni ċara u l-kollaborazzjoni indispensabbli bejn it-tnejn. Ebda soċjetà ma tista' tiżviluppa b'mod san mingħajr ma sseddaq ir-rispett reċiproku bejn il-politika u r-reliġjon".[11]



Il-binja ġdida ta' Renzo Piano li llum tospita l-Parlament ta' Malta.
*Ritratt: Anthony Tomlin*

Il-Papa Franġisku jixtieq li jkollna Ewropa *sanamente laica* "fejn Alla u Ċesari huma distinti, iżda mhux kontrapposti; art miftuħa għat-traxxendenza fejn min jemmen hu ħieles li jistqarr pubblikament il-fidi tiegħu u jressaq l-ideat tiegħu fis-soċjetà. Intemmu ż-żminijiet tal-konfessjonaliżmi, imma wieħed jittama li ntemmu wkoll dawk ta' tip ta' lajkiżmu li jagħlaq il-bibien għall-oħrajn u fuq kollox kontra Alla. Huwa evidenti li kultura jew sistema politika li ma tinfetaħx għat-traxxendenza, ma tirrispettax biżżejjed lill-persuna umana".[12]

Biex jitħaddem ir-rispett fil-lajċità sana jeħtieġ li minn naħa l-Kristjani ma jipprovawx jinforzaw fuq l-oħrajn id-dawl li tagħtihom il-fidi, u min-naħa l-oħra l-imseħbin tagħhom lajċi għandhom ikunu daqstant ieħor disponibbli għad-djalogu u għall-konfront. Dan l-inkontru-konfront huwa karatteristika ta' lajċità sana u demokrazija matura.[13]

**Partit Politiku tal-Kattoliċi?**

Fis-soċjetà tal-lum tqum il-mistoqsija jekk l-impenn tal-Kattoliċi fil-politika għandux ikun dak li huma jkollhom Partit Politiku tagħhom u li għaldaqstant jirrappreżentahom direttament, bħalma kienet, fl-Ewwel Repubblika, id-DC fl-Italja, pajjiż ferm qrib tagħna mhux biss ġeografikament u kulturalment, imma wkoll reliġjożament.

Intervistat dwar dan, il-Kardinal Camillo Ruini ma deherx li hu wisq ħerqan u lanqas nostalġiku: "Mhux iż-żmien li tingħata ħajja lill-partit tal-Kattoliċi. Jonqsu l-presupposti: minħabba l-pluraliżmu qawwi ħafna fl-istess Knisja u minħabba li l-Knisja tkun taġixxi b'mod ġust meta ssibha bi tqila biex tikkommetti ruħha fil-politika".[14] L-istorja ta' pajjiżna fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor għallmitna ħafna wkoll. Dan ma jneħħi xejn mill-fatt li partit politiku, li ma jippretendix li hu partit esklussivament tal-Kattoliċi, isib ispirazzjonijiet u, kemm hu possibbli, iżomm bħala linji-gwida t-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Ġwanni Pawlu II jagħti direzzjoni ċara lill-Kattoliċi fil-politika: "Il-Knisja mhix sejra, u lanqas għandha l-ħsieb, tikkonvolġi lilha nfisha ma' xi għażla ta' skjarament politiku jew ta' partit, u tant ieħor ma tesprimix preferenza lejn xi soluzzjoni istituzzjonali jew kostituzzjonali sakemm din tkun tirrispetta d-demokrazija awtentika.

Imma dan ma għandux x'jaqsam ma' xi 'djaspora' kulturali tal-Kattoliċi biex iqisu kull idea jew viżjoni tad-dinja kompattibbli mal-fidi tagħhom, jew ukoll ma' xi affiljazzjoni faċli tagħhom ma' forzi politiċi u soċjali li jopponu, jew li ma jagħtux attenzjoni biżżejjed, lid-duttrina soċjali tal-Knisja fuq il-persuna u fuq ir-rispett lejn il-persuna umana, fuq il-familja, fuq il-libertà skolastika, fuq is-solidarjetà u fuq il-promozzjoni tal-ġustizzja u tal-paċi".[15]

Il-Ġiżwita Bartolomeo Sorge, awtorità mill-aqwa fuq ir-rwol tal-komunità Kristjana fil-kamp politiku, soċjali u ekonomiku, jaqbel li l-Kristjani fil-politika jridu jkunu "nies ta' sintesi"[16] bejn il-formazzjoni politika li leġittimament, minn jeddhom, iddeċidew li fiha jaffiljaw u jipparteċipaw, u l-komunità Kristjana li fiha d-Duttrina Soċjali tal-Knisja tagħtihom riferiment rett,

ċar u esiġenti. Kull għażla li jagħmel il-Kattoliku fil-politika għandha dejjem tkun riżultat ta' żewġ lealtajiet: il-lealtà lejn il-valuri Kristjani li jispirawha, u l-lealtà lejn ir-regoli proprji tal-arti politika, regoli ta' lajċità li ma joħorġux direttament mir-rivelazzjoni sopranaturali, imma jidħlu fl-ordni tar-raġuni u għaldaqstant għandhom ikunu studjati, sperimentati u verifikati xjentifikament.[17]

**Prinċipji "mhux negozjabbli"**

Id-demokrazija awtentika mhijiex biss ġabra ta' liġijiet u r-rispett lejhom tas-soċjetà, imma hija wkoll riżultat tal-għarfien ta' valuri u l-aċċettazzjoni tagħhom b'konvinzjoni miċ-ċittadini.[18] Dawn il-valuri huma ispirati minn prinċipji, hekk imsejħa għall-ewwel darba minn Benedittu XVI bħala "prinċipji mhux negozjabbli". Jekk f'demokrazija ma jkunux hemm prinċipji bbażati fuq il-verità oġġettiva u r-rikonoxximent universali, il-liġijiet isiru xkiel li ċ-ċittadini jedhew jaħarbuhom jew iduru magħhom. Hekk tinħoloq kultura ta' korruzzjoni.

In-Nota Duttrinali tagħtina sensiela ta' libertajiet li jistgħu jinġabru fil-qosor fi tliet prinċipji mhux negozjabbli: il-ħajja, il-familja, il-libertà tal-edukazzjoni. Il-Papa Franġisku jenfasizza "d-dinjità traxxendentali tal-bniedem u dik il-ħila fil-kewn tiegħu li jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, dik il-'boxxla' miktuba fil-qalb tagħna u li Alla stampa fil-ħolqien kollu kemm hu".[19]

Għalkemm in-natura umana, għajn ta' prinċipji etiċi, hi ħolqien ta' Alla u għaldaqstant imsejsa fuq pedament sod, hu element ta' reflessjoni jekk il-Kattoliku fil-politika, aktar milli jressaq dawn il-prinċipji mil-lat tat-twemmin, isostni pubblikament il-fatt li dawn il-prinċipji jagħmlu sens skont ir-raġuni… ikollhom hekk aktar prospetti tajbin biex f'kuntest ta' lajċità sana jkunu milqugħin.

**Il-politika skont *Fratelli tutti* – xi punti relevanti għalina llum**

Il-Papa Franġisku jistaqsi b'mod retoriku: "Tista' d-dinja tiffunzjona mingħajr politika?" (176). Fl-istess nifs jifthilna għajnejna li hawn "strateġiji li jimmiraw biex idgħajfuha (il-politika), biex flokha jqiegħdu l-ekonomija jew biex jaħkmuha b'xi ideoloġija". Din il-ħakma mill-ekonomija qed inġarrbuha madwarna. Jisħaq il-Papa Franġisku li "l-politika m'għandhiex toqgħod għal dak li tiddettalha l-ekonomija u din lanqas għandha tħalli lilha nfisha tkun iddettata mill-paradigma effiċjentista tat-teknokrazija. (…) Ma nistgħux naċċettaw li l-ekonomija tieħu f'idejha l-poter reali tal-Istat" (177).

Deċiżjoni oħra li l-politika f'pajjiżna għandha bżonn tieħu b'urġenza, hi dik li lejha Franġisku jrid jixprunana meta jikkwota lill-Isqfijiet tal-Portugall u jgħid li l-art "hi self li kull ġenerazzjoni tirċievi u trid tgħaddi lill-ġenerazzjoni ta' warajha" (178).

**L-Istil tal-Politiku Kristjan – xi karatteristiċi**

1. Il-Kristjan, u aktar u aktar il-politiku Kristjan, għandu dejjem iżomm ruħu mdawwal mill-ħsieb tad-duttrina morali u soċjali Kristjana, sabiex is-sehem tiegħu fil-ħajja politika jkun immarkat b'responsabbiltà koerenti għar-realtajiet tal-ħajja u s-sinjali taż-żminijiet.

2. Id-Dekalogu[20] tal-Kardinal Carlo Maria Martini jiġbed l-attenzjoni li għall-Kattoliku mhux biżżejjed li jiċċekkja jekk il-programm elettorali ta' partit imurx kontra l-valuri fundamentali, imma għandu jiżen ukoll jekk dak il-programm iweġibx għall-viżjoni Kristjana tal-bniedem u tal-istorja. Programm b'ispirazzjoni neoliberalista mhux l-istess bħal programm b'ispirazzjoni ta' solidarjetà. Min-



Il-Parlament Malti minn ġewwa.



naħa l-oħra, il-Kristjan ma jistax fil-prattika jsib partit li jirrifletti totalment il-ħtiġijiet etiċi li joħorġu mill-fidi u mill-appartenenza fil-Knisja, mhux l-anqas għaliex il-partiti jirriflettu soċjetà multikulturali u multireliġjuża.

3. Li tkun f'minoranza hi esperjenza Kristjana, u d-Dekalogu jħeġġeġ biex "naċċettaw b'serenità l-missjoni umli taż-żerriegħa tal-mustarda, tal-ħmira fl-għaġna, tan-nuqqas ta' rilevanza tal-merħla ċkejkna".[21] Dan ma jfissirx li l-politiku Nisrani għandu joqgħod f'rokna, emarġinat u skuraġġit, imma għandu jgħożż il-ħsieb "kbir" politikament[22] biex jagħti sehmu fi proġetti u inizjattivi għas-soċjetà kollha kemm hi u mhux biss għall-Kattoliċi, u jaħdem f'okkażjonijiet fejn jidħlu valuri fundamentali, biex isib l-unità trasversali fost il-Kattoliċi fid-diversi partiti.

4. Biex jagħti sehmu fil-politika, il-Kristjan għandu dejjem jaġixxi f'koerenza mal-valuri tal-Vanġelu, imma f'rispett tal-lajċità tal-għażliet. Din hi t-tifsira li tingħata[23] għall-punt fid-Dekalogu li "l-politika hi lajka"… u "lajk hu l-ġid komuni li hi trid tieħu ħsieb". Id-Dekalogu jispjega: "Jeħtieġ qabelxejn niddistingwu bejn il-prinċipji etiċi u l-azzjoni politika. Il-prinċipji etiċi huma assoluti u ma jinbidlux. L-azzjoni politika, għalkemm għandha dejjem tispira ruħha mill-prinċipji etiċi, ma tikkonsistix fiha nfisha fit-twettiq immedjat tal-prinċipji etiċi assoluti, imma fit-twettiq tal-ġid komuni li jkun konkretement possibbli f'sitwazzjoni partikolari. Imbagħad fil-qafas demokratiku, il-ġid komuni jkun imfittex u jkun promoss bil-mezzi tal-kunsens u tal-konverġenza politika. Meta jsir dan qatt ma hu possibbli tammetti xi ħażen morali". Fit-tiftix tal-aħjar ġid komuni tista' tinqala' sitwazzjoni fejn ikun aċċettat ġid iżgħar jew ukoll ittollerat xi ħażen żgħir biex ikun evitat ħażen akbar. Il-ħażen, ukoll jekk żgħir, jibqa' ħażin, imma f'każ hekk nitkellmu fuq l-"aktar ġid possibbli".[24]

5. Ebda politiku Kattoliku, twissi l-*Gaudium et spes* (43), ma għandu jagħti xejra lill-politika tiegħu bħallikieku dik kienet l-opinjoni tal-awtorità tal-Knisja.

6. Il-Kattoliku għandu jaġixxi skont ir-regoli tal-prudenza. B'din il-virtù jkollu l-ħila li f'kull ċirkustanza jiddixxerni dak li tabilħaqq hu l-ġid u jagħżel mezzi adegwati biex jagħmlu jseħħ.[25] Hemm tliet mumenti importanti għad-dixxerniment: il-waqt tar-riflessjoni u konsultazzjoni, dak ta' valutazzjoni u analiżi, u l-waqt tad-deċiżjoni.[26] Il-*Gaudium et spes* (43) tgħidilna li min jaħdem fil-qasam politiku, u aktar min jaħdem fil-politika, għandu jħalli lilu nnifsu jkun iggwidat mill-"kuxjenza Nisranija", mid-"dawl tal-Vanġelu", u jaġixxi fid-"dawl tas-sapjenza Kristjana".

7. Il-Papa Franġisku, fil-*Fratelli tutti*"[27] jisħaq li l-politiku, u għaldaqstant aktar u aktar il-politiku Kristjan, għandu jagħti s-sinifikat veru tal-kelma "poplu" biex ma joħloqx mid-derivati tagħha "żewġ opposti ta' soċjetà maqsuma" (156). Il-populiżmu m'għandux ikun "in-nuċċali li bih jaqra r-realtà soċjali". Il-fatt li jkun injorat il-kunċett ta' x'inhu poplu "jista' jwassal biex neqirdu l-istess kelma 'demokrazija' (tmexxija ta' poplu)" (157).

8. Fit-tiftixa għall-ġid komuni, il-politiku jrid ikollu l-ħila li "jċedi postu għal oħrajn" u "ma jibqax imwaħħal mas-siġġu tal-poter" (159).

9. Il-politiku m'għandux iwieġeb "għall-esiġenzi popolari bl-għan li jiggarantixxi għalih innifsu l-voti u l-appoġġ (…) imma għandu joffri lill-persuni r-riżorsi għall-iżvilupp tagħhom biex jistgħu jwieżnu l-ħajja bl-isforzi u l-kreattività tagħhom" (161).

10. Il-politiku Kristjan għandu jaħdem skont l-istil issuġġerit fil-parabbola tal-"qaddej li ma jiswa għal xejn" (Lq 17:7-10).[28] Ukoll, meta l-politiku jirnexxi fl-impriżi tiegħu, għandu xorta jibqa' jġarrab in-nuqqas ta' effiċjenza tiegħu, jagħraf il-limiti tiegħu u s-setgħa ta' Alla. Hekk jgħid il-qaddej tal-parabbola: "Qaddej bla fejda jien; dak li kelli nagħmel, għamiltu".

**Riferenzi**

9 De Pooter P., *Sana Laicità*, Città del Vaticano 2022.
10 Ġwanni Pawlu II, *Ittra lill-Isqfijiet ta' Franza*, 2005.
11 Benedittu XVI, *Eżortazzjoni fil-Lvant Nofsani*, 2012.
12 Franġisku, *Ittra fuq l-Ewropa*, 2020.
13 Sorge Bartolomeo, *Introduzione alla Dottrina Sociale della Chiesa*, Brescia 2011, 181.
14 Cazzullo Aldo, 'Intervista al Cardinal Ruini', f'Corriere.it, 03.11.2019
15 Ġwanni Pawlu II, *Diskors lill-Knisja Taljana għaċ-Ċelebrazzjoni tat-III Konvenju Ekkleżjali*, Palermo 1995.
16 Sorge, *Cattolici e Politica*, Roma 1991, 103.
17 Sorge, *Introduzione alla Dottrina Sociale della Chiesa*, 292.
18 *Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja*, 2004, 407.
19 Franġisku, *Diskors lill-Parlament Ewropew*, 2014.
20 *Decalogo*, 3, *Il Pluralismo è legittimo*.
21 Ibid., 6, *In minoranza*.
22 Ibid., 8, *Pensare politicamente*.
23 Sorge, 'Da Cristiani in politica', f'*Aggiornamenti Sociali*, 2002.
24 *Decalogo*, 2, *La politica è laica*.
25 *Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja*, 547.
26 Ibid., 547.
27 Franġisku, *Fratelli tutti*, 2020.
28 *Decalogo*, 5, *Lo "stile Cristiano"*.

ATTWALĦITA



# INSELLMU LILL-PAPA BENEDITTU XVI





Is-sena 2022 għalqet bi bxara li nikktet lill-Insara mad-dinja kollha. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Emeritu Benedittu XVI, li bejn April 2005 u Frar 2013 mexxa lill-Knisja Kattolika minn fuq it-tron ta' Pietru, miet fl-għomor ta' 95 sena fil-Monasteru Mater Ecclesiæ fil-Belt tal-Vatikan.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ, flimkien mal-Knisja Universali, bkiet it-telfa ta' dan ir-Ragħaj qaddis u għaref, umli u twajjeb, li miegħu tgħożż ukoll rabtiet sbieħ.

Fost l-oħrajn niftakru li mill-2007 sal-2013, is-saċerdot tal-Parroċċa tagħna Mons. Alfred Xuereb, illum Arċisqof, kien waħda mill-persuni l-aktar qrib tal-Papa Benedittu, għax kien jgħix miegħu fil-Palazz Appostoliku bħala t-tieni Segretarju privat tiegħu.

Niftakru wkoll fiż-Żjara storika ta' jumejn tal-Papa Benedittu f'Malta, fejn fit-18 ta' April 2010 iċċelebra l-Quddiesa fuq il-Fosos tal-Furjana. Għal dik l-okkażjoni kien ittieħed Malta l-Kwadru għażiż tal-Madonna Ta' Pinu, li fi tmiem il-quddiesa ġie ppreżentat mill-Papa Ġermaniż bil-Warda tad-Deheb. F'dik il-quddiesa wkoll, fuq xewqa tal-Kumitat Organizzattiv, l-altar prinċipali li qaddes fuqu l-Papa kien intrama fost l-oħrajn bil-Gandlieri tal-Fidda tal-Festa ta' San Ġorġ. Diversi membri tal-Parroċċa tagħna kellhom sehem fil-programm ta' dak il-Vjaġġ Appostoliku, kif konna rrappurtajna tant tajjeb fuq din ir-Rivista.

Finalment, il-Mużew tal-Bażilika tagħna Il-Ħaġar jgħożż diversi tifkiriet li l-Papa Benedittu għoġbu jħallilu, dejjem permezz ta' Monsinjur Xuereb, fosthom mitra u pjaneta tiegħu, kif ukoll kallotta li libes waqt il-quddiesa nhar l-abdikazzjni tiegħu.

L-isbaħ tifkira ħajja li nistgħu nżommu ta' dan il-Papa kbir hi li nqallbu t-tagħlim sabiħ tiegħu li hu ħallielna b'wirt f'tant kitbiet, kif ukoll insegwu l-eżempju tal-umiltà tiegħu li spikka fir-riżenja mill-papat fl-2013.

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

# TIFKIRIET MIĊ-ĊENTINARJU TAL-2003 (1)

## 20 SENA MILL-FESTI STRAORDINARJI LI KIENU SARU

### F'GĦELUQ L-1700 SENA MILL-MARTIRJU GLORJUŻ TA' SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI





Noel Micallef




Il-logo taċ-Ċentinarju Ġorġjan tal-2003.

Hekk kif kien qiegħed jisbaħ millennju ġdid, il-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt ta' Għawdex kienet diġà qiegħda taħseb fuq il-festi li kienu se jiġu ċċelebrati fl-2003, f'għeluq l-1700 sena mill-martirju tal-qalbieni martri ta' Kristu, San Ġorġ. Permezz ta' dan l-artiklu se nerġgħu nġeddu l-memorji li konna esperjenzajna f'dawn is-snin li nistgħu ngħidu li kienu l-quċċata tal-era tad-deheb tal-aħħar żminijiet.

#### It-tħabbira u t-tħejjijiet

Waqt il-Konċelebrazzjoni Solenni li saret fl-okkażjoni tas-Solennità liturġika ta' San Ġorġ fit-30 ta' April 2000, l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia ħabbar iċ-Ċentinarju l-Kbir Ġorġjan tas-sena 2003. Ta' min jgħid li għal dik is-sena, il-Festa liturġika tat-23 ta' April ġiet ittrasferita għall-Ħadd 30 ta' April minħabba li l-Għid il-Kbir kien ħabat fil-ġurnata tat-23 ta' April.[1]

Il-preparamenti u ċ-ċelebrazzjonijiet bdew minnufih. Fil-fatt l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, bil-kollaborazzjoni tal-ogħla uffiċjali tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, ħatar kumitat apposta biex jibdew it-tħejjijiet għall-Festi Ċentinarji. Il-Kumitat iltaqa' għall-ewwel darba nhar is-Sibt 11 ta' Novembru 2000 taħt il-presidenza tal-istess Arċipriet.[2] Dan il-kumitat kellu l-għan li jfassal programm ta' festi bejn April 2003 u Lulju 2004, iżda wkoll li jipprepara spiritwalment lill-familji tal-Parroċċa għal din il-mixja.

Bħala parti minn din il-mixja għas-sena 2003, dan il-Kumitat ħass il-bżonn li tingħata spinta lit-tagħlim dwar San Ġorġ; għalhekk bl-għan ta' formazzjoni u tagħlim bdiet tiġi ppubblikata rivista Ġorġjana bl-isem *San Ġorġ*. Din ir-rivista kienet tinkludi artikli dwar l-ispiritwalità, il-kultura, il-letteratura, l-istorja u l-arti kollha f'rabta speċjali mal-Qaddis Patrun tagħna San Ġorġ. L-ewwel edizzjoni ta' din ir-rivista ħarġet f'Lulju 2000 u baqgħet tiġi ppubblikata sal-2004 b'erba' ħarġiet fis-sena. Kienet pubblikazzjoni tassew interessanti li fl-aħħar tas-sensiela ġiet miġbura f'volum akkademiku. L-edituri ta' dan il-ktieb kienu l-Arċipriet Ġużeppi Farrugia u s-Sur Michael Formosa.

F'dawn is-snin ta' preparamenti saru wkoll il-logo taċ-Ċentinarju mill-artist John Grima kif ukoll intgħażel il-motto ispirat minn dak li kien intuża mill-Knisja Universali fis-sena tal-Ġublew il-Kbir: *"Kristu: ilbieraħ, illum u dejjem"*. Fil-fatt, il-motto taċ-Ċentinarju Ġorġjan kien: *"Ġorġi, Martri ta' Kristu: ilbieraħ, illum u dejjem"*.

#### Is-sena 2003

Hekk kif daqq nofsillejl tas-sena 2002, bidu tas-sena 2003, il-kampnar tal-Bażilika Urbana ħabbar b'mota solenni li kienu resqin festi kbar f'dik is-sena.




Ir-rivista *SAN ĠORĠ* miġbura f'volum enċiklopediku.



Il-Kwadru titulari mżejjen bil-ward għall-Festi Ċentinarji ta' April 2003.




Is-sett ta' bolli Ġorġjani maħruġ mill-Maltapost.

Fl-ewwel jum tas-sena, fl-omeliji tal-quddies kollu li sar fil-Bażilika, sar ħsieb qasir dwar it-tifsir ta' din il-ġrajja. Imbagħad nhar l-Epifanija, il-Ħadd 5 ta' Jannar 2003, waqt Konċelebrazzjoni Solenni, sar it-Tħabbir Solenni tal-Festi. Matul ix-xhur tas-sena 2003, il-qniepen Ġorġjani kienu wkoll ilissnu leħinhom kull 22 u 23 tax-xahar. Kienet tindaqq mota solenni wara t-tokki tal-imwiet fit-22, u fit-23 tax-xahar kienet tindaqq mota fit-8.00am, f'nofsinhar u oħra filgħaxija. Il-moti kollha kienu jindaqqu bil-kbir.[3]

Kif kiteb tant tajjeb San Pietru Damjani, Duttur tal-Knisja, il-Festa ta' San Ġorġ hi bħal "ġawhra ingastata fil-festa tal-Għid". Tant hu hekk li l-Festa liturġika tat-23 ta' April ħabtet fl-Ottava tal-Għid Imqaddes.

***April 2003***

L-għada tal-Għid il-Kbir, wara Quddiesa Solenni fil-Knisja konventwali ta' San Franġisk ippreseduta mill-W.R. Provinċjal Patri Alfred Calleja u marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Pjazza San Franġisk għal Pjazza San Ġorġ, sar il-ħruġ min-niċċa tal-istatwa devota ta' San Ġorġ. Il-festi komplew l-għada, Vġili tal-Martirju ta' San Ġorġ, fejn saret ġurnata ta' talb u adorazzjoni fil-Bażilika.

L-Ewwel Għasar Solenni tmexxa mir-Rev.mu Mons. Giovanni B Gauci, Vigarju tad-Djoċesi Għawdxija, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Urbana. Għall-ħabta tad-9.00pm saret Velja ta' talb, qari u kant fi Pjazza San Ġorġ bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella u l-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri. Għal dik l-okkażjoni x-xbieha ta' San Ġorġ kif ukoll dik tal-Kurċifiss Imqaddes, it-tnejn kapulavuri ta' Pietru Pawl Azzopardi, tpoġġew fi Pjazza San Ġorġ. Din il-velja, li ta' min jgħid li kienet l-ewwel darba li saret u għadha ssir b'tant ħeġġa kull 22 ta' April, kienet miktuba u animata minn Dun Ġużepp Gauci. Għal din il-velja kien miġbur mhux biss il-poplu Rabti iżda wkoll il-poplu Għawdxi. Għal dan il-lejl qaddis, il-Bażilika ta' San Ġorġ baqgħet miftuħa l-lejl kollu b'adorazzjoni animat mill-Moviment Ewkaristiku Għawdxi.

It-tbexbix tal-jum tat-23 ta' April beda jsemmgħalna d-daqq solenni tal-qniepen tal-Bażilika sabiex iħabbru ċ-ċelebrazzjoni ta' dak il-jum. Il-poplu Għawdxi kollu qaddes dan il-jum għax mijiet ta' nies ħonqu l-Bażilika ta' San Ġorġ matul il-ġurnata kollha. Filgħaxija, il-Banda Ċittadina La Stella għamlet marċ mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fejn mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-kleru tal-Kolleġġjata Lateranensi. Għal din l-okkażjoni ndaqqet il-Quddiesa hekk imsejħa l-kbira, *Mass in D* tal-Prof. Joseph Vella. Wara l-Pontifikal tal-jum qaddis saret dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, kapulavur ta' Vincenzo Cremona.

Għal dan il-jum, fuq inizjattiva tal-Parroċċa tal-Belt Victoria u s-Soċjetà Filatelika Għawdxija, ġew ippubblikati sett ta' ħames bolol biex ifakkru ċ-Ċentinarju Ġorġjan. Dawn kienu jinkludu ħames pitturi differenti ta' San Ġorġ murija f'ordni kronoloġiku:[4] 3ċ – affresk tas-seklu 15 mill-Kappella ta' Ħal Millieri; 7ċ – xogħol ta' Francesco Potenzano (seklu 16) mill-Konkatidral ta' San Ġwann; 14ċ – it-titular tal-Bażilika tagħna, xogħol il-Kalabriż Mattia Preti; 19ċ – it-titular tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi; 27ċ – it-titular tal-Kappella ta' Aragona, xogħol ukoll ta' Mattia Preti, li jinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

L-interess ta' dan is-sett kien enormi, fil-fatt kellhom jinġabu mazzi ta' aktar folji diversi drabi minn Malta biex jippruvaw ilaħħqu mad-domanda. Ta' min jgħid ukoll li l-Maltapost ħarġet timbru ieħor bl-isem tal-Bażilika għall-festi li ġew iċċelebrati f'Lulju 2003.[5]

Il-programm tal-festi ċentinarji kompla b'avveniment importanti u uniku: is-Simposju Internazzjonali dwar San





Xeni mill-Velja Ġorġjana tat-22 ta' April 2003.

Ġorġ li nfetaħ uffiċjalment mill-E.T. il-President ta’ Malta, il-Prof. Guido de Marco. Dan sar nhar il-Ħamis 24 ta’ April fis-sala prinċipali tal-Ministeru għal Għawdex. Is-sezzjonijiet tas-Simposju nżammu l-Ġimgħa 25 u s-Sibt 26 ta’ April fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia. F’dan is-Simposju ħadu sehem madwar 20 kelliem minn diversi universitajiet, fosthom mill-Università ta’ Malta, mill-Università Kattolika ta’ Brisbane fl-Awstralja, mill-Università ta’ St Andrews fl-Iskozja, mill-Università Salesjana Pontifiċja f’Ruma, mill-Istitut Orjentali Pontifiċju ta’ Ruma, u mill-Bibljoteka Ċivika ta’ Verona, fost l-oħrajn. Il-Kardinal Antonio María Javierre Ortas, li ġie minn Ruma biex jippresedi dawn il-Festi Ċentinarji, għalaq l-aħħar sessjoni tas-Simposju.[6]

Ta’ min iżid ukoll li saret esebizzjoni bit-tema *Il-Patrunaġġ ta’ San Ġorġ f’Għawdex* fis-Sala tal-Esebizzjonijiet fil-Ministeru għal Għawdex. Din ġiet inawgurata mill-E.T. l-President ta’ Malta l-Prof. Guido de Marco. Waqt il-ftuħ tal-wirja saret preżentazzjoni mill-President innifsu fejn irregala kopja mkabbra ta’ waħda mill-bolli li turi l-kwadru titulari tal-Bażilika tagħna, li ħarġet il-Maltapost aktar kmieni dik il-ġimgħa stess.

Il-Festi Ċentinarji laħqu l-quċċata tagħhom nhar is-Sibt 26 ta’ April filgħaxija bit-Translazzjoni tar-Relikwa u l-Għasar Pontifikali, immexxija mill-Arċisqof ta’ Malta Mons. Ġużeppi Mercieca.

Il-Ħadd 27 ta’ April saret is-Solennità Ċentinarja u Glorjuża ta’ San Ġorġ Megalomatri, Patrun u Protettur ta’ Għawdex. Il-ġurnata bdiet b’marċ mill-Banda Ċittadina La Stella fejn wasslet lill-Em.T. il-Kardinal mill-Palazz Veskovili sal-Bażilika Urbana. Wara, saret Konċelebrazzjoni Pontifikali ppreseduta mill-Kardinal, li kien assistit minn membri tar-Rev.mu






Il-ftuħ tas-Simposju Internazzjonali mill-President ta’ Malta u l-Isqof ta’ Għawdex fil-Ministeru għal Għawdex.





Il-Pontifikal immexxi mill-Kardinal Antonio María Javierre Ortas fis-27 ta’ April 2003.




Il-Purċissjoni Pontifikali li ħarġet fl-għodwa tas-27 ta' April.



Kapitlu Katidrali flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata Lateranensi, il-kleru u l-membri tal-kleru sekulari u reliġjuż.

Hekk kif intemm il-Pontifikal, bdiet ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali fejn il-Banda Ċittadina La Stella laqgħet il-ħruġ solenni tal-istatwa titulari tal-Patrun tal-Belt bl-innu reliġjuż *Georgius natus est* u wara bl-eżekuzzjoni tal-innu l-kbir immortali *A San Giorgio Martire*. Għall-10.30am bdiet ħierġa l-purċissjoni tant mistennija bl-istatwa ta' San Ġorġ li tmexxiet mill-Kardinal Antonio María Javierre Ortas. Ta' min jgħid li fl-ewwel parti tar-rotta, il-purċissjoni għaddiet minn Triq San Ġorġ u l-inħawi storiċi ta' San Ġorġ tal-Ħaġar. Għall-ħabta ta' nofsinhar, il-purċissjoni daħlet fil-Bażilika fost it-talb u l-kant tal-innijiet.

Wara nofsinhar, għall-ħabta tas-1.00pm, il-Banda Santa Margerita ta' Ta' Sannat għamlet marċ fil-qalba tal-Belt Victoria.

It-Tnejn 28 ta' April saret it-Tifkira Liturġika Djoċesena ta' San Ġorġ, fejn filgħaxija saret Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-kleru, ippreseduta minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet tal-Parroċċa. Wara l-Konċelebrazzjoni saret ir-repożizzjoni tar-relikwa ta' San Ġorġ u d-dħul tal-istatwa.

F'dawn il-jiem ta' festa fir-Rabat, l-Għaqda tan-Nar San Ġorġ Martri wkoll ħejjiet programm tan-nar bejn it-Tnejn 21 u l-Ħadd 27 ta' April 2003.

*jissokta f'ħarġa oħra...*

**Riferenzi**

1 'L-Arċipriet iħabbar iċ-Ċentinarju l-Kbir ta' San Ġorġ tas-sena 2003', f'*Il-Belt Victoria*, Mejju-Ġunju 2000 (114), p 1.
2 MICHAEL FORMOSA, 'Lejn iċ-Ċentinarju ta' l-2003', f'*Programm Festi San Ġorġ 2001*, Nru 27, p. 49.
3 Informazzjoni miġbura mill-awtur tal-artiklu.
4 ANTOINE VASSALLO, 'Bolli għaċ-Ċentinarju', f'*Ta' l-Istilla*, Lulju 2003 (19), p. 9.
5 Ibid.
6 FORMOSA, '"Ġorġi Marti ta' Kristu, ilbieraħ, illum, dejjem", L-ewwel parti taċ-Ċelebrazzjoni taċ-Ċentinarju l-Kbir – April 2003', f'*Programm Festi San Ġorġ 2003*, Nru 29, p. 39.

*Ħajr lil JJP Zammit u Joe Attard tar-ritratti.*

# FRANCESCO ZAHRA
## (1710-1773)

### ARTIST ĊELEBRI TAL-ARTI BAROKKA B'XOGĦLIJIET IMPORTANTI F'SAN ĠORĠ F'GĦELUQ IL-250 SENA MINN MEWTU






Charles Cassar



Francesco Zahra kien l-aktar artist prominenti Malti tas-seklu 18, u l-kontribut tiegħu lejn l-iżvilupp tal-arti Maltija, l-aktar dik sagra, hu sinifikanti bil-bosta. Zahra kien artist prolifiku. Matul il-karriera artistika ta' madwar 45 sena pproduċa numru kbir ta' xogħlijiet li ħafna minnhom jistgħu jitgawdew f'bosta knejjes fil-gżejjer Maltin.

Francesco Zahra twieled l-Isla fil-15 ta' Diċembru 1710, it-tieni wild fost seba' aħwa. Missieru Pietru Pawl (1656-1746) kien skultur li kellu klijentela tajba. Min-naħa tagħha ommu Agostina Casanova wkoll kienet ġejja mill-familja ta' skulturi rinomati, li kienu stabbiliti għal numru ta' snin. Għalhekk ma setgħetx tkun sorpriża li minn tfulitu Francesco beda jitgħallem is-sengħa artistika fil-ħanut ta' missieru.

Minn ċkunitu, Francesco Zahra wera xeħta artistika kbira. Imbuttat u fl-istess ħin megħjun minn missieru, Francesco beda jieħu lezzjonijiet tal-pittura taħt l-artist Malti Gio Nicola Buhagiar (1698-1752). Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Buhagiar kien mar Ruma biex jitgħallem aktar l-arti artistika, anki jekk lura Malta ma weriex dik ix-xrara inventiva partikulari biex ix-xogħlijiet tiegħu jkunu ta' livell ogħla.

Bħalma wieħed jistenna, fil-bidu Francesco Zahra beda jassimila l-manneriżmi artistiċi ta' Buhagiar, u għalhekk xi drabi l-kritiċi tal-arti jsibuha diffiċli biex jifirdu x-xogħlijiet tal-bidu ta' Zahra minn dawk ta' Buhagiar. Ta' min isemmi li Zahra ma kellux l-opportunità li jmur jistudja barra minn Malta, u matul il-karriera tiegħu kellu dejjem iqatta' bi snienu biex jilħaq il-quċċata u jsir l-artist eċċezzjonali Malti tas-seklu 18.

Bil-mod il-mod Zahra beda jinfatam mill-istil ta' Buhagiar waqt li beda jiżviluppa t-tipoloġiji artistiċi tiegħu: l-uċuħ tawwalin, panneġġi iktar elaborati, u mmudellar konxju tal-figuri fl-istil ta' *affetti*. Aktar tard, wara l-1760, Zahra beda jħares lejn ix-xogħlijiet artistiċi ta' Mattia Preti (1613-1699), kif ukoll lejn dawk ta' Antoine Favray (1706-1792). Dan ma jfissirx li Francesco Zahra beda jikkupja lil dawn iż-żewġ artisti, imma minħabba f'hekk Zahra beda jagħti iktar monumentalità lill-figuri tiegħu, waqt li l-kompożizzjonijiet tal-kwadri saru iktar kumplessi. Minn hawn 'il quddiem Zahra laħaq il-quċċata fir-rigward tal-invenzjoni, jiġifieri ta' kif ifassal u jinterpreta n-narrattiva tal-kwadri li hu kien ikkummissjonat.

**Il-Kwadri Laterali**

Iż-żewġ kwadri laterali fil-Bażilika ta' San Ġorġ saru f'dan il-perjodu aħħari tal-karriera artistika ta' Francesco Zahra. Ġew ikkummissjonati mill-Arċipriet Giacomo Galea u nħadmu fl-1763. Il-kritiċi tal-arti jqisuhom bħala wħud mill-kapolavuri ewlenin ta' dan l-artist. Mingħajr dubju, iż-żewġ kwadri juru biċ-ċar il-ħila sfiqa u intelliġenti ta' kompożizzjoni u invenzjoni fl-arranġament tal-figuri; u wkoll fit-tħaddim tal-pinzell u anki fil-kwalità ta' kuluri użati. Il-figuri kollha jintegraw u jikkumplimentaw lil xulxin fi skema li Zahra kien iħaddem madwar l-1760. Xejn ma jidher barra minn postu. Hawn ta' min isemmi li dawn iż-żewġ kwadri laterali huma tal-istess perjodu bħall-kwadri laterali li juru xeni mill-ħajja ta' San Filep li jinsabu fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll id-dekorazzjoni tal-Awla Kapitulari fil-Katidral tal-Imdina, fejn it-tema hi l-Apoteożi ta' San Pawl.

Il-kwadru li juri x-xena tal-martirju ta' San Ġorġ hu mogħni bi trankwillità u spiritwalità smewwija, fejn il-qaddis megalomartri qed jistenna l-mument tal-glorja eterna tiegħu. Min-naħa l-oħra, b'kuntrast evidenti, il-kwadru l-ieħor li juri lil San Ġorġ jisfida lil Djoklezjanu hu mimli turbulenza, fejn naraw it-tajjeb jikkumbatti l-ħażen. Francesco Zahra juża u jikkuntrasta b'mod metaforiku l-partijiet imdawlin ma' dawk mudlama taż-żewġ kwadri biex ikompli bit-tema tal-ġlieda ta' bejn is-Sewwa u l-Ħażin.

F'dawn il-kwadri nilmħu l-influwenza ta' Mattia Preti – li tiegħu hu t-titular bejniethom – speċjalment meta nqabblu x-xena tal-martirju ma' kwadri oħra bl-istess tema tal-kavallier Kalabriż. Iżda għalkemm hemm din l-influwenza, xorta mingħajr l-iċken dubju Francesco Zahra ta lil dawn iż-żewġ opri t-timbru distint u artistiku tiegħu u għalhekk ma jistgħux jissejħu Pretjani.

Kull wieħed miż-żewġ kwadri huwa mżejjen bi gwarniċ sabiħ b'disinn elaborat ħafna u indurat bid-deheb. Dawn il-gwarniċi jkomplu jsebbħu d-dehra ġenerali ta' kull wieħed.





ritratti: Daniel Cilia

Fl-1895 kien hemm il-ħsieb li dawn il-gwarniċi jitneħħew u jinbidlu ma' xi ħaġa oħra. Allaħares ġara hekk, għax konna nitilfu parti sewwa mit-tgawdija tagħhom.

**L-Altar tal-Erwieħ**

Fil-Bażilika hemm xogħlijiet artistiċi oħra ta' Francesco Zahra barra dawn il-kwadri laterali. Wieħed għandu jsemmi l-altar sabiħ tal-irħam iddisinjat ukoll minn Zahra u li hemm fil-Kappellun tal-Erwieħ. Dan hu xogħol ta' preġju li kien sar fl-1761, jiġifieri sentejn qabel ma saru l-kwadri laterali. Jista' jkun li b'dan ix-xogħol tal-altar, Francesco Zahra kien fetaħ il-bieb biex ingħata l-kummissjoni tal-pitturi laterali. Permezz ta' dan l-altar Zahra wera l-kapaċità tiegħu fid-disinn. L-altar tal-Erwieħ sar fl-istess żmien meta Zahra kien għamel id-disinn tal-altar maġġur tal-Knisja parrokkjali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ, u wara dak li hemm fil-Kappella tas-Sagrament fil-Katidral tal-Imdina. Ix-xogħol fl-irħam kien inħadem mill-imgħallem marmista Antonio Durante. Dan Durante kien wieħed mill-aħjar marmisti tas-seklu 18 u kien ġej minn familja ta' marmisti magħrufa.

Il-kummissjoni tal-artal tal-Erwieħ saret mill-Kanonku Gio Pietro Francesco Agius De Soldanis (1712-1770), li kien il-Prokuratur tal-istess altar. Jista' jkun li De Soldanis għażel lil Francesco Zahra billi hu kien diġà ra l-kapaċità ta' dan l-artist meta Zahra ddisinja l-altar tal-Kappella tas-Sagrament fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

F'appendiċi tal-kuntratt li kien sar fl-1759 għal dan ix-xogħol, Francesco Zahra kien saħansitra niżżel preċiż it-tipi varji ta' rħam li kellu jintuża biex isir l-altar, kif ukoll fejn kellhom jitpoġġew fl-altar proprju. Barra minn hekk, ix-xogħol kollu kien jinvolvi l-kisi tal-paviment u l-iskannell tal-istess Kappella tal-Erwieħ. Ix-xogħol kellu jkun lest fi żmien sentejn mid-data tal-kuntratt. Il-ħlas kien ta' 900 skut, somma li żgur kienet kbira għal dak iż-żmien. Ta' min isemmi wħud mill-irħam ta' preġju użat fil-manifattura tal-altar, bħall-*fior di pesco apuano*, il-*verde antico*, il-*bianco statuario*, il-*brocatello di Siena*, il-*brocatello di Spagna*, ir-*rosso di Francia*, barra l-*giallo di*

*Siena* li llum hu rari ħafna. Wieħed għandu japprezza wkoll l-intarsjar fin fl-irħam, bħall-emblema fin-nofs tal-altar.

Fil-Mużew Il-Ħaġar hemm ukoll żewġ kwadri, jew aħjar sottokwadri, li fl-antik kienu jitpoġġew fuq wieħed mill-altari tal-Knisja. Dawn huma l-kwadru li juri lil San Alwiġi Gonzaga u l-ieħor bit-tema tal-Madonna ta' Loretu. Dawn iż-żewġ kwadri għadhom kif ġew irrestawrati u għalhekk jistgħu jitgawdew aktar.



# IL-MADONNA U SAN ĠWANN TAL-VARA L-KBIRA

Iż-żewġ statwi tal-Madonna u San Ġwann jiffurmaw parti mill-Vara l-Kbira "famuża" li ta' kull sena toħroġ fil-Purċissjoni antika u devota tal-Ġimgħa l-Kbira (pre-1788) tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Dawn huma xogħol l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi u wisq probabbli saru ftit taż-żmien wara li tlesta l-Kurċifiss li huwa stess għamel għal San Ġorġ fl-1848. Din is-sena dawn iż-żewġ xbihat ġew irrestawrati minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi.

Għal xi raġuni mhix magħrufa, l-uċuħ tagħhom tal-injam għamlu snin sħaħ imwarrba u kien sewwasew din is-sena, 2023, meta l-Kurċifiss qed jagħlaq 175 sena u sar xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuqu, li reġgħu sabu l-post distint tagħhom fil-Vara l-Kbira ta' San Ġorġ.





STORJA



# IL-KURĊIFISS DEVOT TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Anthony Farrugia

***Kelmtejn tal-okkażjoni f'għeluq il-175 sena tal-Kurċifiss mirakoluż, waqt Kunċert ta' Mużika Sagra marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa, li sar nhar it-2 ta' April 2023 mill-Banda Ċittadina La Stella, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex.***



Dan il-Kurċifiss għandu bixra illi ssaħħrek u surtu qawwija tiġbdek minnufih malli tarah. Meta għajnejk jiltaqgħu mal-għajnejn imbexxqin u kemm kemm miksurin tiegħu, għidli jekk ħarstu tinfdekx sa għadmek u tqanqlekx tassew minn ġewwa? Sewwasew x'jagħmlu daqshekk devot u wisq meqjum mill-poplu ma nafux ngħidu, iżda kulħadd kelma waħda fuq dan il-Kurċifiss: li tixħet kemm tixħet ħarstek fuqu, l-għajn ma tixba' minnu qatt! L-istess tħossha l-qalb! Dik toħla u ddub mill-ewwel bih; l-imrar li tgħum fih jgħib u jinxef f'ħakka t'għajn minħabba fih.

Kristu tagħna f'dan il-Kurċifiss għadu ma mietx, imma huwa ħaj, hekk li ġenbu għadu ma ġiex minfud bil-lanza. Dan l-imsammar ma' din l-għuda huwa magħruf kif għandu ħabta jfejjaq lill-imnikket, u ħadd minn dawk li jiġu jżuruh ma jibqa' wieqaf quddiemu b'qalbu sewda. Mhux ta' b'xejn, għalhekk, li bosta jittamaw bis-sħiħ f'dan il-Kurċifiss u mijiet ta' eluf, tul iż-żminijiet, sabu l-faraġ fih; hekk li minnu daqu wens u hena ta' bla qies. Dan il-Kurċifiss jidher kif inhu f'sebħu kollu u xejn ma jonqsu; huwa tabilħaqq sabiħ fl-għajn u jhenni tassew lill-qalb, u forsi għalhekk li huwa meqjus minn min jifhem fi ħwejjeġ bħal dawn bħala l-aqwa biċċa xogħol li rnexxielu joħloq Mastru Pietru Pawl Azzopardi, dak l-iskultur ta' ħila kbira illi sawru.

Ta' qabilna, nies ta' għaqal u ta' għerf li għandna nħarsu, kemm-il darba, bina żgħar ma' djulhom, wennsuna bil-ġrajja ta' kif dan il-Kurċifiss kien sar mill-ġbir li għamlu xi rġiel li kienu jiltaqgħu filgħaxijiet, f'ħanut tal-inbid, ħdejn din il-Bażilika ta' San Ġorġ, u hemm, bejn il-ferħ li jnissel għasir il-għenba u t-taħbit imgħaġġel tal-qalb li jikkawża dan meraq id-dielja, għamlu bejniethom dawk l-irġiel ħalfa solenni li jiġbru biex jagħmlu Kurċifiss, imqar jekk bil-ħabbiet u bl-irbiegħi, u hekkda kelmthom żammew sħiħ sal-aħħar. Il-Kurċifiss tabilħaqq sar, u jingħad f'dawn ir-rakkonti ħelwin tax-xjuħ tagħna kif lest kien inġab Għawdex fuq id-dgħajsa ta' Ċikku d-Diridej, wieħed mis-sjieda wkoll ta' dak il-ħanut fi Strada Providenza, li sew minnu, kemm ukoll minn fuq dik id-dgħajsa, Ċikku ra l-flus jinġabru ħabba ħabba, b'twettiq ta' dik il-wegħda illi saret. Imbagħad, mal-wasla tiegħu fir-Rabat, bilġri l-Kurċifiss sab postu fil-Vara l-Kbira, fl-egħżeż purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li għandha din il-gżira.

Dan li għadna kif għedna huwa dak li wasslitilna u x'għadditilna t-tradizzjoni; li għandna għalhekk nistmawh u nuruh ir-rispett u l-qima li jixraqlu billi dan huwa tagħlim u

taħnin ix-xjuħ tagħna. Imma, wara dan l-aneddotu tagħhom, jaf hemm ġrajja oħra moħbija taħtu, jaf hemm ġrajja mistura: li t-tradizzjoni, b'għaqal tas-sema u b'kuxjenza retta li ma tħobbx turi lill-id ix-xellugija xi tkun għamlet l-id il-leminija, ma mexxietx u ma writniex bih.

Dik il-folja ta' karta, miktuba minn quddiem u minn wara u li nstabet dan l-aħħar, mgħabbra ġmielha, iżda miġbura u merfugħa f'lokha fl-Arkivju tan-Nutara f'din il-belt, tgħid b'min mir-Rabat ta' Għawdex għamel Kurċifiss tal-injam għand l-iskultur Azzopardi. Hija ssemmi isem ta' ruħ twajba li għexet hawn, u li jum minnhom, wara li ġabet il-barka tal-Arċipriet tar-Rabat, li dak iż-żmien kien il-Kanonku Fortunatu Cutajar, kienet ftehmet mal-iskultur Pietru Pawl u dan ġie hawn Għawdex għalhekk, sabiex jiftiehem kif għandu jonqox xbieha ta' Kurċifiss, fl-injam. U min kien sejjer imur joqgħod jiftaħ qalbu mal-Arċipriet, iħabbtu b'ħaġa bħal din u jara jaqlax mingħandu l-barka, jekk mhux biex isir Kurċifiss bħalma huwa dan?

Huwa mifhum minna tal-lum kif dan il-Kurċifiss kien sar biex iservi bħal duwa għal dawk il-midinba miġruħa mill-ħażen, li riġlejhom iwassluhom wasla sa ħdejh u miegħu jferrgħu dak kollu li jkollhom merfugħ fl-ixkora, ineħħu miegħu dik l-għoqla f'qalbhom imtaqqla, iħollu l-qfieli tagħha, waqt li juruh xi jkunu qed iħossu, u hu jwennes u jfarraġ u jagħti d-dawl u jdewwi l-ġerħat minn fuq dan is-salib.



Dik ir-ruħ li ordnat il-Kurċifiss għand Azzopardi daqet hija nfisha t-tbatija, messet mal-ġerħat li nfena bihom dan il-poplu, ġarrbet xi jsarraf il-faqar u rat u semgħet il-krib tiela' mill-isqaqien ta' din il-belt. Dik ir-ruħ kienet tberred kull ġlieda u ma kinitx taħmel tilwima waħda tqum, u għad illi messet b'idha tul ħajjitha ma' bosta mit-tbatijiet li jassru l-bniedem; tnikktet b'kull xorta ta' ħażen li stmellet u wisq drabi daqet kemm huwa qalil u ikrah il-mard li jaħkem fuq din l-art; madankollu, dik ir-ruħ li ordnat il-Kurċifiss għand Azzopardi dejjem ittamat fil-Ħallieq u bħalu sabbret u għenet kemm felħet nies, imxiet f'din id-dinja bħall-istess Imsallab li tiegħu xtaqet u għamlet xbieha tal-injam. Dik ir-ruħ għexet hawn, qrib dan is-Suq tar-Rabat tagħna, fejn għamlet mewta tajba, u fuq fomm kulħadd, mal-ħbar li ruħha ħalliet din id-dinja, ingħad fuqha kemm kienet waħda ta' fama tajba, li ħasbet tassew fil-fqar.

Kulma kienet tagħmel dik ir-ruħ kienet tagħmlu fis-skiet u bil-qdusija. Meta ordnat il-Kurċifiss, hija ma riditx li tibqa' tissemma għal li għamlet, kif fil-fatt ġara. Hija riedet tgħammad wiċċha, bħalma jagħmlu dawk li jġorru l-ktajjen, jgħattu wiċċhom bil-barnuża, jew bil-kappun jew bil-viżiera, sabiex ħadd ma jkun jaf min huma u jidher biss it-tajjeb li jkunu qed jagħmlu, li jarah u jagħmel minnu biss Alla, u biex hekk dak l-għamil tagħhom aktar iżid fil-virtù u fit-tjubija. Dik ir-ruħ hekk għamlet, l-għamil tagħha b'hekk ħalla ġid bla tarf; liema Kurċifiss dewwa tant ġrieħi, b'tagħna magħhom.

Dan il-Kurċifiss li jisraq il-għajn ta' kull min jarah huwa mirakoluż u bosta jaħilfu għalih u għall-barkiet illi jsawwab, għalhekk jinsab daqshekk għażiż għan-nies tar-Rabat u minnhom maħbub għall-aħħar. In-nies ta' din il-belt ħabbitu lil dan il-Kurċifiss tagħha u għadha żżid fil-qima lejh, u dan turih kuljum, imma l-aktar fil-Ġimgħat ta' matul is-sena u wisq iżjed fir-Randan imqaddes, imma l-eqqel waqt ikun għaliha fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ minn hawn, meta fiha jiddawwar dan il-Kurċifiss li jsawwab grazzji ta' bla għadd.

Dik il-purċissjoni hi qadima tgħidx kemm: il-bidu tagħha għadu mitluf fid-demus tas-snin ta' qabel l-1788, iżda minn ilu baqgħet hija għaddejja, bħala l-imgħallma, illum bħalma dari, hekk safja u ma għandha bżonn ta' xejn aktar biex tiftiehem minn kif inhija. Hi ma bħalha l-ebda oħra. Iż-żmien biss forsi għandu l-jedd fuqha li jxejjaħha u jqaddimha, iżda l-ebda ħila qatt ma wriet li tibdlilha x-xeħta tagħha: penitenzjali u devota, kif għandha tibqa', hekk bla mittiefsa, għall-ġejjieni.

Huwa dan il-Kurċifiss li jiddawwar fiha, minqux tabilħaqq minn Mastru Pietru Pawl Azzopardi fl-injam, id-daqqa ta' tiswirtu hija kollha kemm hi tal-iskriepel tiegħu; daqqiet li ħarġu kollha kemm huma minn idejh, u għad illi l-ħsieb u x-xewqa, bħalma tgħid dik il-karta, huma ta' dik ir-ruħ li xtaqitu li jsir, megħjun kif wasslitlilna t-tradizzjoni, minn dawk l-irġiel bħal Ċikku d-Diridej u sħabu, madankollu t-tifsila tal-Kurċifiss, il-qisien u l-fasla tiegħu, la hija tal-iskultur li naqqxu, wisq anqas ta' dik ir-ruħ li ordnatu u xtaqitu li jsir. Id-disinn tal-Kurċifiss huwa għalhekk ta' xi ħadd ieħor, xi ħadd minn hawn, mir-Rabat ta' Għawdex.

Awl il-lejl qabel ma ġie ordnat il-Kurċifiss, lejliet li kellu jsir il-kuntratt għand in-nutar li quddiemu twiegħed kif għandu jitnaqqax, Mastru Pietru Pawl Azzopardi għaddieh ma' ħabibu Għawdxi, fl-eqreb raħal għal hawn: fix-Xewkija... għand sid dik id-dar tat-Tokk, li fiha kien joqgħod fil-kera, l-Arċipriet Fortunat Cutajar... dak l-Arċipriet ta' dan ir-Rabat li ta l-barka lil dik ir-ruħ biex sar il-Kurċifiss ta' Azzopardi.

Imma dwar dan tkun lejla oħra... mhux dil-lejla... Illejla diġà dalam u daqt jerġa' jidden għal darb'oħra... iżda fid-dlam tal-lejl ħa jwennisna dan il-Kurċifiss.

ritratti: Sebio Aquilina

# Int tal-Knisja Glorja u Ġieħ

**Fra Ġorġ Grech osco**



X'tifħir ġdid se nżid, o Ġorġi,
li ma tawkx diġà nies kbar?
Jiskot fommi, tikbes qalbi,
debħa safja fuq altar.

Tant faħħruk poeti, o Ġorġi,
li ma nafx jien x'għandi ngħid;
ħa jfaħħruk l-Anġli tas-Sema
biex mis-Sewwa ma nkunx bgħid.

Iżda l-għanja lejk tittajjar,
lejk imżejjen b'kull virtù.
Umli mmil quddiem xbihetek,
Suldat qlubi ta' Ġesù.

Għax int nisġa tad-dehen tiegħi,
int dawl sfiq fuq xfar għajnejja.
Naħseb fik u qalbi teħla,
ħin bla waqt tfawwar l-għannejja.

Mhux bukkett noffrilek, Ġorġi,
ta' ward, ġilju u ġiżimin;
'mma dmugħ sħun ta' gratitudni,
dmugħ li nġema' tul is-snin.

Xjuħ u żgħażagħ, faħħru 'l Ġorġi,
qima u ġieħ dejjem agħtuh;
blanzun aħmar b'demm il-martri,
la tonqsux bil-qalb tfaħħruh.

Doqqu, qniepen, bil-ferħ doqqu!
Reġa' magħna l-kbir Patrun.
Niedu b'qima 'l Ġorġi tagħna,
ismu ġmiel dejjem ikun!

Ejja, Ġorġi, ġewwa darek,
b'talbek nersqu dejjem lejk;
għax int ħuna l-kbir tagħna,
żommna dejjem taħt għajnejk.

Tal-krib tagħna agħti widen,
waqt li nterrqu ibqa' magħna.
Fidi soda xettel fina
sakemm ħdejk hienja tarana.

Kavallier ħabib ta' Kristu,
ħerqanin folol għalik.
Inti smajt il-weġgħa tagħhom,
bir-raġun nistagħġbu bik!

Raxxax fuqna l-barkiet tiegħek.
Ħabbejniek wisq tul is-snin;
l-għożża għalik toktor, tiġġedded,
sielma, safja, qatt ma tnin.

Fl-aħħar nett il-poplu, Ġorġi,
jitlob b'ħerqa u b'tant ħrara,
sabiex wara din il-ħajja
seħer wiċċek kulħadd jara.

# ŻWIĠIJIET BEJN L-1626 U L-2014 (1)

## MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (9)



MILL-ARKIVJU

Toni Farrugia

Fil-Kotba tal-Festa ta' San Ġorġ tal-2005, l-2006 u l-2007 kont ktibt serje ta' tliet artikli dwar iż-żwiġijiet li kienu rreġistrati fil-Parroċċa tagħna mis-sena 1626 sas-sena 2014. F'dawn l-artikli kont elenkajt it-tagħrif interessanti li ltqajt miegħu waqt li kont qed nagħmel id-database ta' dawn iż-żwiġijiet. F'dan l-artiklu qed namalgama dawn it-tliet artikli biex b'hekk l-istampa tkun aktar koerenti, kif ukoll naġġornah b'tagħrif ġdid li ħareġ matul dawn is-snin u nikkoreġi xi ineżattezzi li seta' kelli.

**Il-knejjes**

B'kollox f'dan il-perjodu li qed nitkellmu fuqu ġew irreġistrati 6,783 żwieġ. Il-maġġoranza assoluta ta' dawn iż-żwiġijiet saru fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, imma hemm għadd mhux ħażin minnhom li saru fid-diversi knejjes u kappelli li hawn jew li kien hawn fir-Rabat.

Fost dawk li ma għadhomx jeżistu hemm il-Kappella tad-Duluri, il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena[1] u l-Kappella ta' San Ġwann l-Evanġelista. Dawn il-kappelli, flimkien ma' sebgħa oħra, kienu fiċ-ċimiterju li kien hemm fi Pjazza Santu Wistin u li minfloku nbena l-Oratorju Don Bosco fl-1949.

Żewġ kappelli oħra li ma għadhomx jeżistu huma dawk ta' San Ġużepp li kienet fi Triq is-Suq[2] u dik ta' San Kosma u San Damjan. Din tal-aħħar kienet faċċata tal-istatwa ta' San Ġużepp li hemm fit-triq li tagħti għal Ta' Pinu hekk kif toħroġ mir-Rabat.

Saru wkoll xi żwiġijiet fil-Kappella tal-Madonna Ta' Manresa. Fiż-żwiġijiet li saru qabel l-1806 din il-kappella kienet irreġistrata bħala l-Kappella ta' San Martin jew ta' Santa Dminka, wara l-1873 kienet irreġistrata bħala ta' San Kalċidonju, u wara l-2005 kienet irreġistrata bħala tal-Madonna ta' Manresa.

Hemm żwiġijiet oħra li saru f'diversi parroċċi oħra ta' Malta u Għawdex imma xorta kienu rreġistrati fir-reġistri tagħna peress li wieħed mill-għarejjes kien mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fl-1804 sar żwieġ fil-Kappella tal-Ħabs fil-Belt Valletta, fl-1761 u fl-1766 saru żwiġijiet fil-Kappella tal-Ħabs tal-Isqof fil-Birgu, u fl-1744 l-interregozzjoni ta' qabel iż-żwieġ saret fil-kappella tal-istess ħabs. Matul il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-Knisja permezz tal-Isqof jew tal-Inkwiżitur kellha ċerta poteri ġudizzjarji fejn kienu jidħlu kwistjonijiet reliġjużi u morali, bħal f'każi ta' ereżija jew maġija. Min jaf minn liema baħar ta' nkwiet għaddew l-għarajjes ikkonċernati! Ma rridu qatt ninsew li wara l-istatistika hemm persuni umani.

Qabel ma twaqqfu bħala parroċċa seperata, il-kontrada Ta' Kerċem u ta' Santa Luċija u l-kontrada tal-Għasri kienu jagħmlu parti mir-Rabat. Għalhekk iż-żwiġijiet li saru fil-Knejjes ta' San Girgor, ta' Santa Luċija u tal-Madonna tal-Patronċinju huma rreġistrati fil-Parroċċa tagħna (il-knisja hija rreġistrata bħala *"ecclesia ruralis* jew *ecclesia filialis"*).

Fl-1728 sar żwieġ fid-dar tal-għarus peress li kien marid gravi (*"in qua iacet infirmus corpore"*). Fl-1874 u fl-1805 saru żwiġijiet fil-Kappella tal-Isptar San Ġwann Battista u Sant'Antnin ta' Padova (dak li aħna nsibuh bħala l-Isptar il-Qadim u li fih illum hemm il-Ministeru għal Għawdex u diversi dipartimenti governattivi), u li kien twaqqaf fl-1719 għal pazjenti rġiel biss. Fl-1805 u fl-1863 saru żwiġijiet fl-Isptar San Ġiljan li kien twaqqaf fl-1454 għan-nisa foqra. Oriġinarjament dan l-isptar kien fiċ-Ċittadella, imma fl-1787 kienu ttrasferiti għal sptar ġdid biswit l-Isptar San Ġwann Battista u Sant'Antnin ta' Padova. Meta twaqqfet id-Djoċesi ta' Għawdex fl-1864, l-Isptar San Ġiljan sar is-Seminarju ta' Għawdex u l-pazjenti nisa kienu ttrasferiti għall-Isptar San Ġwann Battista u Sant'Antnin ta' Padova.

Saru żwiġijiet fi knejjes li ma hux indikat f'liema parroċċa qegħdin: S. Salvator della Punta (1653) u S. Dominus (sic) (1810). L-ewwel waħda naħseb li llum hija l-Knisja tas-Salvatur fil-Kalkara, peress li ż-żwieġ kien imbierek mill-*"Cappellano della Città Vittoriosa"*,[3] filwaqt li fit-tieni waħda nassumi li hemm żball fir-reġistrazzjoni tal-istess knisja. Saru wkoll żwiġijiet fil-Knejjes tal-Patrijiet Franġiskani Minuri magħrufa bħala Ta' Ġieżu (*Patri Zoculanti)* fl-Imdina (1639), fil-Belt Valletta (1659), u ieħor fl-1662 imma ma hux speċifikat il-kunvent fejn kien.



Fl-1778 insibu għarus irreġistrat li kien minn "Terra Forchi Diocesis Archipelagi Sanctæ Agatæ".

Fl-1640 sar l-uniku żwieġ li sar fil-*"Chiesa di S. Giosepi dentro il Castello"*, filwaqt li fl-1903 u fl-1905 saru żwiġijiet fl-*"Oratorio Publico Via della Gran Fontana"*. Il-Parroċċa tal-Fontana twaqqfet fl-1911, u għalhekk meta saru dawn iż-żwiġijiet it-territorju tal-Fontana kien għadu jagħmel mar-Rabat.

Fl-1781 sar żwieġ fejn l-għarus hu rreġistrat bħala li kien residenti fil-*"Parœcia Ecclesiæ Sub titulo S. Publii Civitatis Vallettæ Insulæ Melitæ"*, għaliex il-Furjana kienet għadha ma twaqqfitx bħala parroċċa.

Fl-aħħar nett hemm żewġ żwiġijiet irreġistrati li saru barra minn xtutna: il-Vatikan (1975) u l-Istati Uniti tal-Amerika (1980).

**Parroċċi tal-għarajjes**

Hija l-użanza li ż-żwieġ isir fil-parroċċa tal-għarusa. Għalkemm fil-maġġoranza taż-żwiġijiet l-għarusa kienet tkun mir-Rabat, hemm diversi oħrajn fejn l-għarusa kienet minn xi parroċċa oħra ta' Malta jew Għawdex. Hemm oħrajn fejn l-għarusa kienet minn pajjiż ieħor (mill-Awstralja, milll-Ingilterra, mir-Repubblika tal-Irlanda, mill-Irlanda ta' Fuq, mill-Italja, mill-Kanada, mill-Iskozja, mit-Tuneżija, mill-Istati Uniti tal-Amerika, mill-West Indies u mill-Iżvizzera).

L-għarus ukoll ġeneralment kien ikun mir-Rabat, imma bħal fil-każ tal-għarusa kien hemm diversi oħrajn fejn l-għarus kien minn xi parroċċa oħra ta' Malta jew Għawdex. Hemm ukoll oħrajn fejn l-għarus kien minn pajjiż ieħor – minbarra l-pajjiżi li semmejt hawn fuq hemm ukoll mill-Alġerija, mill-Belġju, mill-Eġittu, mill-Ġermanja, mill-Libja, min-Niġerja u mill-Polonja. Fl-1716 sar żwieġ fejn l-għarus hu rreġistrat li kien minn *"Civitatis Larissæ Provinciæ Thessalonica"* (illum il-Greċja) u fl-1805 sar żwieġ fejn l-għarus hu rreġistrat li kien minn *"Ispalensium ex Villa de Mula Regno Murcia"* (reġjun fi Spanja) u l-għarusa kienet minn *"natione Spulano in Tuscia"* (reġjun fl-Italja). Hemm ukoll xi żwiġijiet fejn l-għarus kien minn pajjiż ieħor, imma li ma nistax insib eżatt minn fejn kienu: fl-1787 l-għarus kien minn *"Terra Conca ex Regno Imperiali"* (li huwa dak li fl-istorja nsibuh bħala r-Renju taż-Żewġ Sqallijiet) u fl-1778 l-għarus kien minn *"Terra Forchi Diocesis Archipelagi Sanctæ Agatæ"*. Jidher li fit-tieni nofs tas-seklu 18 kien hemm komunità Maltija fil-Portugall. Dan għaliex fl-1763 u fl-1764 saru ħames żwiġijiet fejn l-għarus kellu kunjom Malti u hu rreġistrat li kien minn *"Algarbionum"* (illum Algarve). Biex forsi nsaħħaħ din it-'teorija' tiegħi, inżid ngħid li tnejn minn dawn l-għarajjes kienu aħwa.




Il-Knisja tas-Salvatur fil-Kalkara
li kienet magħrufa bħala "San Salvator della Punta".

Fl-1692 sar żwieġ fil-Knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta fejn l-għarus hu rreġistrat li kien mill-*"Parochia della Cala"*, fl-1694 l-għarus hu rreġistrat li kien mill-*"Parochia Villa della Cala"*, fl-1691 l-għarus kien mill-*"Parochia S. Antonii de Casalis Ta' Xauct Hazzanin"*, fl-1692 l-għarus kien mill-*"Parochia Ta Xahret el Hasenin"*, u fl-1693 l-għarus kien mill-*"Parochia della Caccia"*. L-għarajjes tal-ewwel tnejn ovvjament kienu mir-reġjun tal-Qala, filwaqt li t-tlieta l-oħra kienu mix-Xagħra. Fl-1988 kien hawn polemika jekk fl-1688 ir-raba' parroċċa li kienet twaqqfet maż-Żebbuġ, Ta' Sannat u x-Xagħra kinetx il-Qala jew in-Nadur; xi ħaġa li għadha kkontestata sal-lum, għax fiż-żewġt irħula hemm triq jew pjazza li tikkommemora din id-data. Ikun interessanti jekk jiġi stabbilit għaliex sal-ewwel sitt snin wara t-twaqqif ta' dawn il-parroċċi r-raba'parroċċa hija rreġistrata bħala l-Qala, u mbagħad fl-1698, jiġifieri għaxar snin wara, sar żwieġ fejn l-għarus hu rreġistrat li kien min-Nadur.

**Il-kunjomijiet**

L-aktar għaxar kunjomijiet komuni matul dawn il-kważi 400 sena ta' żwiġijiet kienu Grech (615), Farrugia (586), Vella (522), Attard (540), Pace (415), Camilleri (392), Cassar (385), Galea (384), Spiteri (338) u Tabone (290) (in-numru fil-parentesi huwa n-numru ta' frekwenza tal-kunjom).

Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru hemm kunjomijiet li llum il-ġurnata huma estinti, bħal Audibert, Ciappisa, Corazier, Dandolona, Dicace, Faenza, Le Brun, Machanuc (Maħnuq), Maurin, u Turban. Il-kunjom Dandolona huwa kunjom tipikament Għawdxi – bħalu hemm oħrajn. Ħallejt barra kunjomijiet li huma estinti imma li huma ta' għarajjes li kienu minn Malta (bħal Caggesa li kien mill-Isla u li żżewweġ fl-1743).

Ta' min jinnota wkoll kif evolvew ċerti kunjomijiet: Abela, Axiak u Ebejer kollha kienu jinkitbu bl-ittra "H" quddiem, filwaqt li Gafà oriġinarjament kienet Gafan, u Mintoff kien Mintuf. Bħal dawn hemm oħrajn.

*jissokta f'ħarġa oħra…*

**Riferenzi**

1. F'paġna 116 tat-tieni ktieb tiegħu *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, G.P.F. Agius De Soldanis jagħti lista ta' dawn il-kappelli: ta' San Ġwann l-Evanġelista, ta' Sant'Anton Abbati, ta' San Kataldu, ta' Santa Katerina, ta' San Pawl, ta' San Blas, ta' San Bartilmew, ta' Santa Marija tal-Ħniena, ta' San Mikiel Arkanġlu, u ta' San Nikola. Għalhekk naħseb li l-Kappelli tad-Duluri u tal-Madonna tal-Ħniena huma l-istess waħda.
2. Ara l-artiklu tiegħi "It-Twessigħ ta' Pjazza San Ġorġ" fil-ħarġa nru 202 ta' din ir-rivista, pp. 21-22.
3. Fil-websajt www.kappellimaltin.com insibu dan li ġej dwar il-Knisja tas-Salvatur fil-Kalkara: "Storiċi bikrin jagħtuna ħjiel li fl-1487 kienet ġiet mibnija l-kappella ddedikata lis-S.S. Salvatur, fl-inħawi magħrufa bħala *la punta sottile della Rinella*, minħabba li tinsab viċin il-bajja tar-Rinella u fil-limiti tal-Belt Vittoriosa".




# KEMM APPUNTAMENTI TAL-MUŻEW TAGĦNA!

## MUŻEW TAGĦNA, MUŻEW GĦAL KULĦADD

Antoine Vassallo, President tal-FBV

***Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mill-inawgurazzjoni ta' Il-Ħaġar, Antoine Vassallo jibda rokna regolari ġdida.***

Fl-10 ta' Jannar għalaqna l-wirja ta' xogħlijiet reċenti tal-pittriċi Għawdxija Rachel Galea. Dawn il-pitturi jinsabu fil-pubblikazzjoni numru 22 tas-sensiela *Il-Ħaġar GEMS*.

Saħansitra iktar mis-soltu, sar sforz biex din is-sena speċjali tkun imżewqa b'attivitajiet interessanti u ta' livell. Bdejna fit-28 ta' Jannar b'taħdita minn Charles Bezzina dwar il-mitjar li nbena f'Għawdex fl-1943: kellu okkażjoni jsemmi diversi dettalji mhux magħrufa.

Tajna sehemna fil-*Gozo Arts Weekend* iddedikat lil Ġużeppi Briffa permezz ta' ftit skizzi tiegħu esposti fit-28 u d-29 ta' Jannar.

Fl-4 ta' Frar ospitajna konferenza tal-Prof. Joseph Caruana dwar il-kobor tal-univers.

Fil-11 ta' Frar sar il-ftuħ formali ta' wirja madwar id-diversi naħat tal-Mużew bi kważi 100 donazzjoni – opri artistiċi u dokumenti – li rċevejna matul is-snin.

Fit-18 ta' Frar Dr Joseph Ellis tkellem dwar l-isfida taż-żejt minħabba l-invażjoni tal-Ukrajna.

Il-jum proprju tal-anniversarju tfakkar fit-23 ta' Frar b'kunċert minn Joanne Camilleri fuq il-klaviċembalu ma' Jacob Portelli bil-vjolin.

Fl-24 ta' Frar kellna l-Ħames Konferenza Annwali f'ġieħ Joseph Vella: ingħatat mill-fundatur Mons. Ġużeppi Farrugia dwar il-Filosfi tal-Ġgantija, segwita mill-ftuħ ta' wirja dwar l-Arkivju Mużikali tas-Surmast.

Fil-25 ta' Frar offrejna esperjenza għat-tfal mal-artisti Victor Agius u Rachel Galea. Fl-istess jum filgħaxija l-Kor Laudate Pueri kellu kunċert fil-Bażilika biex jitfakkar il-ħames anniversarju minn mewt is-Surmast Joe Vella u l-għaxar mill-ftuħ ta' Il-Ħaġar.

Fost jum ta' quddies b'suffraġju tal-benefatturi fis-26 ta' Frar, il-quddiesa kantata tal-11.00am saret b'ringrazzjament ta' tant ħidma u ġid. U temmejna b'ikla għand Ta' Frenċ.

Fil-11 ta' Marzu l-inġiniera Rita Curmi tat konferenza prattika dwar l-illuminazzjoni tal-kwadru tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann fl-Oratorju tal-Konkatidral.

Fit-18 ta' Marzu l-Prof. Richard England tkellem dwar Kajjin u Lazzru, li ħareġ kotba dwarhom.

Fl-24 ta' Marzu kellna suġġett mhux tas-soltu: Richard Reader, il-President tal-Whisky Connoisseurs of Gozo, ta xi ħjiel dwar ix-xarba tal-wiski.







Fil-25 ta' Marzu Dr Mark Sagona, Kap tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, ittratta l-arti dekorattiva tas-seklu 19, is-suġġett li donnu qiegħed jispeċjalizza bil-kbir fih, anki b'sensiela ta' kotba.

Fis-26 ta' Marzu l-Ministru Clint Camilleri fetħilna wirja importanti b'xi 60 biċċa ta' Esprit Barthet, b'Nicoline Sagona bħala kuratriċi. Il-katalgu hu n-numru 24 ta' *Il-Ħaġar GEMS*, li allura fih diversi riproduzzjonijiet li diffiċli jkollok okkażjoni tarahom.

Fl-14 ta' April ospitajna kunċert mill-kwartett ta' klarinettisti George Agius, Noel Beck, Christopher Camilleri u Michael Pirotta.

Fakkarna lir-Reġina Eliżabetta II fil-21 ta' April b'serata f'jum twelidha. Ħadu sehem il-Kan. Geoffrey George Attard, il-Brass Tubes Quartet u l-Kmandant Adrian Mudge.

Nagħlaq billi nirreferi għall-vetrina tas-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex (fil-livell -1). Fost il-bidliet kellna kartolini "tal-maħbubin" minn kmieni s-seklu l-ieħor, kartolini u bolli tal-Għid imħawrin, u esibiti konnessi ma' Benedittu XVI fl-anniversarju taż-żjara f'pajjiżna.





### Donazzjoni ta' ritratt antik tal-istatwa titulari

Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju ta' Il-Ħaġar, George Grech, b'tifkira wkoll ta' martu Yvonne, permezz ta' Carmel Cremona għadda lill-Mużew tal-Bażilika ta' San Ġorġ ritratt antik tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Dan jidher li ttieħed qabel ir-restawr tal-1903, kif jidher mill-kuluri li llum il-ġurnata huma differenti.

### Donazzjonijiet

- **George Fenech: €80**
- **Joseph/Charles Sultana: €75**
- **James Camilleri: €75**
- **John Mercieca: €50**
- **George Cini: €50**
- **Tony Spiteri: €25**
- **George Attard: €20**

# KRONAKA PARROKKJALI

## MEMBRI ĠODDA fil-komunità parrokkjali

**11/02/2023** **Luna** bint Charlie Vella u Gianella Mazzola
**16/04/2023** **Arthur George** bin Fabian Psaila u Abigail Camilleri
**16/04/2023** **Ivar** bin Daniel Farrugia u Catrina Portelli
**22/04/2023** **Nova Elizabeth** bint Daniel Ayres u Genise Formosa
**23/04/2023** **Ġorġi** bin Andrew Formosa u Maria Attard
**23/04/2023** **Matteo** bin Joseph Muscat u Francesca Mercieca
**28/04/2023** **Karla Marie** bint Marvic Mizzi u Doriann Farrugia

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

**18/02/2023** **Alexander Tabone** u **Amelia Carmen Debrincat**
**01/04/2023** **Michael George Attard** u **Antida Formosa**
**14/04/2023** **Stephen Zammit** u **Isabel Buttigieg**
**15/04/2023** **Viktor Bengtsson** u **Ruth Mizzi**
**21/04/2023** **Francesco Mizzi** u **Marie Georgette Mizzi**
**22/04/2023** **Luke Masini** u **Maria Mifsud**

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

**10/01/2023 George Said**
**16/01/2023 Giuseppa Camilleri**
**26/01/2023 Dolores Gatt**
**31/01/2023 Josephine Camilleri**
**05/02/2023 Rita Farrugia**
**13/02/2023 Angolina Aquilina**
**19/02/2023 Antonia Attard**
**03/03/2023 Maria Formosa**
**17/03/2023 George Micallef**
**20/03/2023 Francis Attard**
**25/03/2023 Giorgia Zammit**
**25/04/2023 Xavier Micallef**
**26/04/2023 Maria Antonia Sacco**
**26/04/2023 Nazzareno Farrugia**



KRONAKA

# MID-DJARJU PARROKKJALI

JANNAR-APRIL 2023

Andrew Formosa

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma mexxa l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Marija Omm Alla. Fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar, b'tifkira tal-Papa emeritu Benedittu XVI li miet fl-aħħar jum tas-sena 2022, tqiegħdu għall-wiri fuq il-presbiterju ritratt tiegħu, kif ukoll pjaneta, mitra u kallotta tiegħu li jagħmlu parti mill-kollezzjoni tal-Mużew tal-Bażilika Il-Ħaġar.



**» 5 ta' Jannar**
Hekk kif issa tlesta għalkollox ir-restawr tal-faċċata artistika tal-Bażilika, reġgħu twaħħlu magħha t-tliet skudi tal-injam bi tliet armi miżbugħa fuqhom: waħda fiċ-ċentru fuq il-bieb prinċipali li tfakkar l-Aggregazzjoni mal-Arċibażilika tal-Lateran, u t-tnejn l-oħra din id-darba ma tqegħdux fuq kull naħa tagħha imma fuq kull waħda miż-żewġ niċeċ li hemm fil-faċċati tan-navi, u allura dik tal-Papa Franġisku fuq in-niċċa ta' San Ġużepp u dik tal-Isqof Anton Teuma fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni.
**» 7 ta' Jannar**
Diversi membri tal-Grupp 23four qassmu d-donazzjonijiet u l-offerti li tpoġġew taħt is-Siġra tal-Karità tul il-jiem tal-Avvent fil-Bażilika. Dakinhar filgħodu, in-Nunzju Appostoliku ġdid għal Malta Mons. Savio Hon Tai-Fai SDB, li kien qed iżur Għawdex għall-ewwel darba, żar ukoll il-Bażilika ta' San Ġorġ fejn ġie milqugħ mill-Arċipriet u wassal ukoll messaġġ lill-ġemgħa preżenti li inzertat hemm għall-quddiesa.
**» 9 ta' Jannar**
Beda t-Tberik tal-Familji tal-Parroċċa mill-Arċipriet u saċerdoti oħra. Fil-ġimgħat ta' wara, diversi voluntiera tal-Parroċċa qassmu wkoll kopja tal-Vanġelu ta' San Mattew f'kull dar taċ-ċentru tar-Rabat, bħala parti minn inizjattiva marbuta mas-Sena Pastorali fid-Djoċesi ddedikata lill-Kelma ta' Alla.
**» 2 ta' Frar**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali dawk li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, flimkien mal-ġenituri tagħhom.
**» 7-9 ta' Frar**
**05.30pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa l-Quddies Solenni tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa tal-Madonna ta' Lourdes.
**» 11 ta' Frar**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes. Wara, saret purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna madwar it-toroq tal-Bażilika.
**» 10-12 ta' Frar**
Saru diversi żjarat fid-djar tal-anzjani minn diversi gruppi tal-Parroċċa.
**» 12 ta' Frar**
**Filgħodu:** Sar l-għoti tad-demm minn membri tal-komunità parrokkjali fil-Berġa tax-Xewkija bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Morda.
**» 21 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Isqof mexxa Assemblea Parrokkjali fil-Bażilika fejn fisser aktar il-Pjan Pastorali Djoċesan u inizjattivi ta' outreach bis-sehem ta' diversi voluntiera.
**» 22 ta' Frar**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fiha sar ir-Rit tat-Tqegħid tar-Rmied.
**» 27 Frar -3 ta' Marzu**
**07.30pm:** Patri Martin Cilia MSSP mexxa l-kors tal-Eżerċizzi Spiritwali għall-Miżżewġin fil-Bażilika. Fl-istess ħin, il-katekisti Noel Formosa u Charlene Zammit mexxew l-Eżerċizzi Spiritwali għat-Tfal fis-Sala Parrokkjali.
**» 3-5 ta' Marzu**
Sar live-in għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
**» 5 ta' Marzu**
Minħabba l-maltemp, kellu jitħassar il-Pellegrinaġġ bl-istatwa tas-Santissmu Kurċifiss mill-Bażilika ta' San Ġorġ għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ippjanat fl-okkażjoni tal-175 mill-miġja tal-Kurċifiss. Mal-wasla tal-pellegrinaġġ kellha ssir quddiesa fil-wesgħa tal-parkeġġ tal-Isptar.
**» 6-10 ta' Marzu**
**04.15pm:** Il-Kan. Franklin Vella mexxa l-kors tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-Bażilika.
**» 10-12 ta' Marzu**
Sar irtir tar-Randan għall-koppji miżżewġin tal-Parroċċa fid-Dar tal-Irtiri tas-Silġ, Marsaxlokk.
**» 12 ta' Marzu**
**05.00 u 06.00pm:** Saru laqgħat għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof kif ukoll għall-ġenituri tagħhom fis-Santwarju Ta' Pinu u s-sala tiegħu.
**» 19 ta' Marzu**
Saret ħarġa għal Malta għall-parruċċani.
**» 25 ta' Marzu**
**07.45pm:** Saret ċelebrazzjoni ta' talb u fejqan li tmexxiet minn Patri Marcello Ghirlando OFM.
**» 31 ta' Marzu**
Bħala parti mill-inizjattivi relatati mall-Proġett *Fejn hu Ħuk?* saret quddiesa f'Casa Amalia li tmexxiet mill-Arċipriet.
**» 2 ta' April**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni qasira għall-Bażilika. Hawn fil-11.00am hu mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni ta' Ħadd il-Palm.
**03.30pm:** Għat-tieni darba kellu jitħassar il-Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Kurċifiss minħabba t-temp ikrah.



**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Banda Ċittadina La Stella, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dr John Galea.

**» 3 ta' April**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Il-Pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur sal-Bażilika tħassar minħabba l-maltemp.

**» 4 ta' April**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara għat-tfal li waslu biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina, bis-sehem ta' diversi saċerdoti konfessuri.

**8.00pm:** Saret Ċelebrazzjoni Penitenzjali għall-gruppi tal-koppji tal-Parroċċa fis-Sala Parrokkjali.

**» 5 ta' April**

**07.00pm:** Saret Via Crucis b'adorazzjoni, talb ta' maħfra u qrar fil-Bażilika.

**» 6 ta' April**

**05.00pm:** Il-Kan. Richard N. Farrugia mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fuq l-Altar tal-Kor, fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa f'nofsinhar.



**07.00pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali u Devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina La Stella, il-Kor Laudate Pueri, il-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat ta' Malta u l-Iscouts Group tal-Marsa. F'din il-purċissjoni dehru għall-ewwel darba l-uċuħ ta' San Ġwann u tal-Madonna fil-Vara l-Kbira, xogħol fl-injam ukoll ta' Pietru Pawl Azzopardi, li ġew irrestawrati dan l-aħħar minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi. Il-Purċissjoni kienet irrekordjata mill-istazzjon NET TV u xxandret l-għada waranofsinhar.

**» 7 ta' April**

**08.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu quddiem l-Altar tar-Ripożizzjoni. Wara, il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss mexxiet iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fil-Belt Victoria.

**10.00am:** Il-Grupp 23four organizza ż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes.

**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.

**» 8 ta' April**

**08.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.

**08.30pm:** Il-Kan. Richard N. Farrugia mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid, li bdiet minn ħdejn il-bieb il-kbir tal-Bażilika bil-Mixegħla tal-Blandun.

**» 9 ta' April**

**08.45am:** Nhar l-Għid, inżammet mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella, id-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

**11.00am:** l-Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Għid il-Kbir, li fih amministra wkoll is-sagrament tal-Magħmudija.



**» 12 ta' April**

Saret ħarġa għal Malta għall-parruċċani.

**» 17 ta' April**

**Filgħaxija:** L-istatwa tal-Kurċifiss tniżżlet minn fuq is-salib tagħha u ttellgħet fis-swali taċ-Ċentru Parrokkjali fejn inbeda x-xogħol ta' restawr mill-konservatur il-Kan. Charles Vella.

**» 19-21 ta' April**

**07.00pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa l-Quddies Solenni tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa liturġika ta' San Ġorġ. Wara, sar il-kant tal-Innu, u t-talb tal-Kurunella u l-Barka Ewkaristika.

**» 22 ta' April**

**08.00pm:** Saret il-Velja ta' San Ġorġ fi Pjazza San Ġorġ bit-tema *San Ġorġ immexxi mill-Kelma*. Għall-okkażjoni nħarġet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika.

**» 23 ta' April**

**10.00am:** Mons. Pawlu Cardona, eks Arċipriet u Vigarju Episkopali għall-Kleru, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali u niseġ l-omelija fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ Martri. Din kellha tkun l-aħħar darba li Dun Pawl iċċelebra mal-komunità Ġorġjana qabel il-mewt tiegħu xahrejn wara. Fl-aħħar, l-istatwa titulari ta' San Ġorġ tmexxiet fil-knisja u tfaċċat fil-bieb fost iċ-ċapċiċ u l-entużjażmu tan-nies u d-daqq tal-Antifona *Beatus Georgius* u l-Banda Ċittadina La Stella li kienet skjerata bil-lest għall-marċ tal-Festa.

**06.25pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tat-Tieni Għasar fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu.

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fejn kienu mistiedna b'mod speċjali ż-żgħażagħ tal-Parroċċa.































## TA' ĠOLINA
## supermarket

275, Triq tal-Għajn, Fontana - 21554067

Għal għażla vasta ta' prodotti ta' kwalità bi prezzijiet raġonevoli u servizz eċċelenti.

B'telefonata tista' tordna u tirċievi x-xirja tiegħek id-dar!

A&M PRINTING



Jum il-Mulej u Jum San Ġorġ ħabtu flimkien din is-sena: f'ġurnata sabiħa tat-23 ta' April l-istatwa titulari fil-bieb tal-Bażilika fi tmiem il-Pontifikal.

ritratt: Andrea Camilleri